MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 667/2011

**Jeremy Cassar Torregiani u Mario Hammett ghan-nom u in rapprezentanza ta’ 40, Main Street Company Limited bhala operaturi ta’ The Villa**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fil-11 ta’ Lulju 2011 l-attrici ppremettiet li topera l-istabbiliment The Villa, gewwa San Giljan li hu proprjeta tal-kumpannija Bajja Investments Limited. Spjegat li dan il-fond hu parti integrali mill-lukanda Le Meridien fil-Bajja tal-Balluta, San Giljan u l-lukanda ghandha l-permessi u licenzji kollha ta’ lukanda kif ukoll ta’ bar u ristorant, fosthom il-licenzji BAR/0393/4 u SB/3055. L-attrici lmentat li:

- Kull meta tkun ser issir attivita' fil-fond The Villa, l-attrici qeghdin imorru l-pulizija sabiex tintefa' l-muzika jew jitnehhew l-umbrelel jew speakers. L-attrici ssostni li ghandha l-jedd li tospita nies f'kull tip ta' riceviment, kemm jekk huwa tieg, ikla, party jew seminar diment li jinghata l-ikel u xorb. Dan apparti li l-licenzji li hemm fuq il-lukanda Le Meridien ikopru wkoll dan il-fond peress li jifforma parti mill-lukanda.
- Meta kellu jsir tieg, is-Supretendent Gatt kien hedded li ser jaghlaq il-post.
- Il-konvenut qieghed jiddiskrimina in kwantu l-pulizija qeghda tiehu passi biss kontra l-attrici meta fl-inhawi hemm haddiehor li jwettaq l-istess tip ta' attivita kummercjali.

Wara li spjegat x'inhuma l-ilmenti taghha fil-konfront tal-konvenut, talbet li l-qorti:

1. Tikkonferma l-mandat ta' inibizzjoni numru 786/11 mahrug fl-20 ta' Gunju 2011.
2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attrici ghandha d-dritt skond il-licenzji li jkopru kemm lill-lukanda Le Meridien u The Villa Bar and Restaurant, li torganizza avvenimenti jkunu li jkunu u mhux kif qed tippretendi l-pulizija.
3. Tiddikjara u tiddeciedi li t-twaqqif min-naha tal-pulizija ta' tigijiet, konferenzi u avvenimenti ohra li kienu ntizi li jsiru mill-attrici pero li thassru kif fuq intqal, kien twaqqif illegali u abbuziv, kif ukoll zbaljat u li kkaguna danni lill-attrici kif jigi spjegat waqt is-smiegh tal-kawza.
4. Tillikwida d-danni.
5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni li jigu likwidati.

Il-konvenut wiegeb (fol. 33) li:

1. L-ewwel talba hi nulla ghaliex ma jistax jintalab il-konferma ta' mandat kawtelatorju in perpetwu.
2. Il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur ghaliex il-Legislazzjoni Sussidjarja 441.07 tistabbilixxi l-awtorita inkarigat mill-licenzjar ta' attivitajiet varji.
3. Ghandhom jissejhu fil-kawza l-Awtorita ta' Malta ghat-Turizmu u d-Dipartiment tal-Kummerc ghal finijiet ta' integrita tal-gudizzju. L-ezitu tal-kawza jiddependi minn interpretazzjoni tal-kelma ristorant u jekk hemm bzonn licenzja mid-Dipartiment tal-Kummer ghall-attivitajiet li qeghdin isiru fil-fond.
4. Fil-meritu t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. F'dan ir-rigward il-konvenut qal:

   (a) Kull meta kien hemm intervent tal-pulizija, dan dejjem kien wara kwereli minn partijiet privati. Il-passi dejjem ittiehdu minhabba fastidju lill-girien b'daqq ta' muzika. L-atturi ma ghandhomx licenzja ghad-daqq ta' muzika amplifikata, u cioe' licenzja li tippermetti d-daqq ta' muzika wara l-11.00 ta' bil-lejl u fi kwalunkwe kaz sas-1.00 ta' filghodu. Inoltre wara l-11.00 ta' bil-lejl ma tistax tindaqq muzika li tinstema' minn barra, anke jekk wiehed ikollu l-licenzja relattiv ghad-daqq tal-muzika wara dak il-hin. Dan japplika wkoll ghad-daqq ta' muzika bejn is-1.00 u l-4.00 ta' wara nofsinhar. Ukoll

jekk hemm licenzja ghad-daqq ta' muzika, dan ma jatix xi dritt li l-muzika tkun gholja b'mod li ddejjaq lill-girien. Il-pulizija ghandha obbligu li tintervjeni f'kaz ta' kwerela.

(b) Il-pulizija dejjem imxiet mal-ligi. Skond l-Artikolu 38 tal-Ligi Sussidjarja 441.07 il-pulizija ghandha s-setgha li taghlaq l-istabbiliment f'kaz ta' ksur tal-ligi. Ghalkemm il-pulizija setghet tiehu l-mizuri kontemplati f'dan ir-regolament, dejjem talbet li tintefa' l-muzika jew li tindaqq f'sound baxx, u ressqet il-qorti lil min kiser il-ligi.

(c) Hadd mill-pulizija qatt ma hedded li ser jigi mwaqqaf xi tieg jew riceviment iehor, u lanqas qatt ma kien hemm tieg jew riceviment li gie mwaqqaf mill-pulizija.

(d) Il-pulizija dejjem agixxiet skond il-ligi u mhux ghaliex saret xi pressjoni minn terzi.

(e) Is-Supretendent Gatt dejjem agixxa skond il-poteri li taghtih il-ligi. Meta xehed fis-smiegh tal-mandat ta' inibizzjoni kien car li jekk il-ligi taghtih l-awtorita' li jaghlaq l-istabbiliment f'kaz li tinkiser il-ligi, dak hu l-pass li jkollu jiehu.

Il-kawza titratta dwar il-fond The Villa f'San Giljan. L-attrici topera bar u ristorant minn gewwa dan il-fond u qeghda tilmenta li l-konvenut qieghed ifixkilha fil-gestjoni tan-negozju li jinkludu *"ricevimenti, tigijiet, seminars, parties, gruppijiet u/jew f'kull avveniment iehor fejn nies jiltaqghu biex jieklu u jixorbu"*.

Mill-provi rrizulta li fir-rigward tal-fond The Villa hemm licenzja biex jintuza bhala:

i. ristorant (licenzja numru SB/3055 tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta).
ii. Bar (licenzja numru BAR/0393/4 tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta).

Hu evidenti li:

(a) Min ghandu stabbiliment li jipprovdi l-ikel, ghandu bzonn licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta (**Regolamenti dwar Stabbilimenti li Jipprovdu Ikel** – L.S. 409.15);

(b) Min iwettaq attivita' kummercjali, ghandu bzonn licenza tal-kummerc mahruga mid-Dipartiment tal-Kummerc (**Regolamenti dwar il-Licenzji tal-Kummerc** – L.S. 441.07). Dawn ir-regolamenti jirregolaw ukoll id-daqq ta' muzika minn gewwa stabbilimenti tal-catering u jaghti poter lill-pulizija li jistghu jwasslu biex taghlaq il-fond fejn tkun qeghda ssir l-attivita' kummercjali (ara Regolament 38).Ghal dak li jirrigwarda d-daqq ta' muzika, issir ukoll riferenza ghar-Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 409.15 li jipprovdi: *"Id-detenturi ta' licenza u l-operaturi ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel ma ghandhomx jippermettu d-daqq ta' muzika tghajjat, strumenti tal-muzika u, jew l-uzu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment kemm-il darba ma jkunx inhareg permess minn qabel ghal dik l-attività".*

Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 786/11 fl-ismijiet **Jeremy Cassar Torregiani et vs il-Kummissarju tal-Pulizija**, tosserva:

1. Jidher li l-attrici tippretendi li l-licenzji li ghandha l-lukanda Le Meridien, ikopru wkoll il-fond the Villa. Il-qorti ma taqbilx gialadarba l-Artikolu 23 tal-Att dwar is-Servizz ta' Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta (Kap. 409) jipprovdi:

*"Meta lukanda, guest house jew postijiet għall-vaganzi ihaddnu wiehed jew aktar stabbilimenti li jipprovdu ikel, __**li kollha kemm huma jkunu taht l-istess direzzjoni**__, dawn jistghu jinghataw liccenza wahda u klassifikazzjoni waħda"* (enfazi mizjuda).

Irrizulta kif permezz ta' skrittura privata tas-6 ta' Novembru 2009, Bajja Investments Ltd (li f'isimha huma l-licenzji fuq imsemmija) tat lill-attrici l-gestjoni tal-attivita kummercjali li hemm fil-fond The Villa. Ghalhekk b'applikazzjoni tal-Artikolu 23, licenzji li hemm fuq il-lukanda Le Meridien, ma jkoprux il-fond The Villa peress li dan il-fond m'huwiex taht l-istess direzzjoni bhal lukanda Le Meridien. Ghalhekk jekk il-lukanda Meridien ghandha licenzja biex tuza parti mil-lukanda bhala *nightclub*, dan ma jfissirx li l-fond the Villa jgawdi wkoll minn dik il-licenzja.

2. Skond ir-Regolamenti tal-Stabbilimenti li jipprovdu l-ikel (L.S. 409.15):

(a) ***"bar" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel accessibli ghall-pubbliku u li jipprovdi facilitajiet li toqghod bil-qieghda, li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' alkohol u xorb mhux alkoholiku li jigi kkunsmat fil-post imma jeskludi l-offerta ta' ikel bi hlas, skond standards kif jidhru fir-Raba' Skeda***.

(b) ***"ristorant" tfisser stabbiliment li jipprovdi l-ikel, accessibbli ghall-pubbliku li jkollu bhala skop primarju l-bejgh ta' ikel ghall-konsum fil-post, abbazi ta' servizz fuq mejda skond l-standards imnizzla fit-Tieni Skeda.***

Fil-fehma tal-qorti hu evidenti li fil-kaz ta' ristorant il-ligi qeghda tikkontempla post fejn il-pubbliku jmur u jpoggi madwar mejda, jordna l-ikel minn menu u wara jhallas. Tant hu hekk li r-Regolament 9 jipprovdi li l-istabbilment ghandu jkollu l-menus fejn jidhru l-prezzijiet u dawn ghandhom ikunu jidhru cari barra l-post. F'dan il-kuntest issir ukoll riferenza ghat-Tieni Skeda tal-Ligi Sussidjarja 409.15 fejn jinghad x'ghandu jkun fih ristorant.

3. Ma tressqitx prova li l-fond The Villa hu licenzjat sabiex fih tindaqq muzika amplifikata wara l-11.00 ta' bil-lejl. Skond Regolament 12 tal-Ligi Sussidjarja 409.15, sabiex tindaqq il-muzika fi stabbiliment tal-ikel hemm bzonn ta' permess minghand l-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta rrispettivament mill-hin li fih tindaqq. F'ittra datata 14 ta' Frar 2011 l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta nfurmat lid-ditta ta' avukati li kienet qeghda tassisti lil *licensee holder*, li *".... According to Regulation 38(2)(a) and (2)(b) of Legal Notice 1 of 2006, a permit to play amplified music is only required if this is played after 11.00 pm in the St Julian's locality"*. Is-Supretendent Stephen Gatt xehed li l-post m'huwiex licenzjat sabiex fih tindaqq muzika amplifikata (seduta tal-4 ta' Novembru 2013). F'ittra datata 11 ta' Jannar 2011 li ntbaghtet mill-Assistent Kummissarju L. Cauchi lill-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta (fol. 128), jinghad: *"I am*

*directed to inform you that the Police are of the opinion that licence to play music remains as it is, i.e. up till 11.00 p.m. and to be played from inside the premises only"*. Fit-twegiba guramentata l-konvenut qal: *"Ghandu jigi pprecizat illi r-rikorrenti fil-fatt ma ghandhomx licenzja ghad-daqq ta' muzika amplifikata, u cioe' licenzja li tippermetti d-daqq ta' muzika wara l-hdax ta' bil-lejl u fi kwalunkwe kaz sas-siegha ta' filghodu..... Dan japplika wkoll ghal hinijiet ta' bejn is-siegha u l-erbgha ta' wara nofsinhar, f'dawk 'l hekk imsejha silent hours."* (fol. 38). Paul Trapani Galea Feriol xehed fejn spjega li f'Dicembru 2010 kien organizza riceviment ghall-ahhar tas-sena;*"Dan kien, l-ewwel dinner jigifieri madwar l-imwejjed imbaghad kellna nitilghu fis-sular ta' fuq. Kien hemm DJ u z-zfin..... Fuq ma kienitx attivita' ta' bilqeghda. Hemmhekk kien hemm id-dance floor. Kellna wkoll il-bar."*. Il-qorti m'ghandix dubju li l-parti tal-attivita' fejn kellu jsir zfin u daqq ta' muzika ma setatx issir gialadarba l-fond m'huwiex licenzjat sabiex tindaqq il-muzika amplifikata wara l-11.00 ta' bil-lejl u sabiex il-fond jew parti minnu jintuza bhala sala ta' riceviment, diskoteka jew post iehor fejn isir iz-zfin.

4. Mir-regolamenti li l-partijiet ghamlu riferenza ghalihom waqt il-gbir tal-provi, jirrizulta li l-pulizija ghandha dritt li taghlaq stabbiliment, ghaz-zmien stipulat f'regolament 38 tal-Ligi Sussidjarja 441.07, fejn tkun qeghda tindaqq muzika bi ksur ta' dak li jipprovdi r-regolament. Pero' ma jidhirx li l-ligi taghti d-dritt lill-pulizija li taghlaq stabbiliment li jintuza bhala wiehed mill-istabbilimenti li jissemmew fil-Ligi Sussidjarja 409.15 minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 id-difensur tal-konvenut iddikjarat li: *"Il-konvenut qatt ma ha passi kontra l-attrici ghaliex kien qieghed isir riceviment ta' tieg fil-fond in kwistjoni. Il-passi ttiehdu minhabba storbju zejjed. Il-pulizija qatt ma ordnaw lill-attrici biex taghlaq il-fond"* (fol. 103). Inghataw verzjonijiet kontrastanti. Filwaqt li Jeremy Cassar Torregiani xehed li l-pulizija waqqfuhom milli jaghmlu tigijiet u ricevimenti, is-Supretendent Stephen Gatt cahad. Bl-istess mod filwaqt li l-attrici ppremettiet li giet mhedda li r-ristorant u l-bar jinghalqu jekk isir tieg li kien hemm organizzat ftit gimghat qabel giet prezentata l-kawza, is-Supretendet Gatt cahad li qatt hedded li jaghlaq il-fond[1]. Pero' jibqa' fatt li l-pulizija ghandha, fit-termini u kondizzjonijiet stipulati fir-regolament 38 tal-Ligi Sussidjarja 441.07, l-awtorita' li taghti ordni li jinghalaq fond fejn tindaqq muzika amplifikata kontra dak li jipprovdi l-istess regolament. F'kull kaz 'hemmx prova li l-pulizija kienu minn jeddhom ghalqu l-fond minhabba li kienet qeghda ssir xi attivita' li ma kenitx konformi mal-licenzji u permessi.

5. L-attrici tilmenta li l-konvenut qieghed jiddiskrimina. F'dan il-kuntest il-qorti tosserva li:-

i. Din il-kawza hi ghal stharrig ta' eghmil amministrattiv u mhux bazata fuq drittijiet fundamentali tal-bniedem;

ii. F'kull kaz ma nghatat l-ebda prova li qeghda ssir xi diskriminazzjoni.

---

[1] *"Qatt ma ghidtlu li jekk jorganizza tieg fil-post immur u naghlaqlu. Jien kont semmejtlu li jekk ikun hemm il-muzika f'hin li mhux suppost u tkun ukoll tinstema' minn barra, ikolli immur u nitfilu l-muzika. Imma qatt ma ghidtluli se nwaqqaflu l-functions"* (fol. 111).

iii. F'kull kaz fejn tkun qeghda titwettaq illegalita', min ikun qieghed tali illegalita' ma jistax jinvoka argument simili biex jipprova jkompli jikser il-ligi.

6. Jeremy Cassar Torregiani xehed li tigijiet kienu ilhom jigu organizzati sa mis-sena 2006. Fil-fehma tal-qorti dan ma jistax ighin lill-attrici peress li jidher li dak iz-zmien l-operatur tal-fond The Villa kien l-istess bhal lukanda Le Meridien. Qal ukoll li l-kumpannija attrici m'ghandix bzonn licenzja ghal sala ta' zfin ghaliex *"... il-Villa hija koperta bil-licenzji ta' bar u ristorant"* (fol. 47). Il-qorti m'ghandix dubju li z-zfin ma jaqax fid-definizzjoni ta' ristorant u bar. F'kull kaz ghaz-zfin ghandek bzonn il-muzika, u kif rajna wara l-11.00 ta' bil-lejl m'hemmx licenzja sabiex tindaqq il-muzika. Sahansitra rrizulta wkoll kif il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Turizmu cahad l-appell tal-licensee sabiex ikun jista' jdoqq muzika amplifikata wara l-11.00 ta' bil-lejl. Ix-xhud kompla jghid li qabel inhareg il-mandat ta' inibizzjoni 786/11, il-pulizija kienet hassritilhom *Christmas Eve Party*. Il-qorti hi tal-fehma li jekk il-pulizija kellha xi taghrif li fil-fond kienet ser issir attivita' li ma kenitx konformi mal-licenzji, allura kellha kull dritt li tattira l-attenzjoni tal-organizzaturi biex ma jiksrux il-ligi. B'daqshekk ma jfissirx li l-pulizija hassret il-party. F'email li x-xhud baghat lis-Supretendet Gatt fit-22 ta' Dicembru 2010, qallu *"I have taken note of your email and will ensure that we are covered by the necessary permits to ensure that any activity is in harmony with the law."* (ara fol. 15 tal-inibizzjoni 786/2011). Kliem li ma jatix lill-qorti x'tifhem li Cassar Torregiani kien fehem li l-pulizija ordnatlu biex ihassar l-avveniment.

7. Permezz tal-ewwel talba l-attrici talbet lill-qorti sabiex *"Tikkonferma il-mandat ta' inibizzjoni minnha mahruga fl-20 ta' Gunju 2011"*. Permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru: 786/2011 mahruga fl-20 ta' Gunju 2011, il-qorti inibit lill-konvenut milli *"...jwaqqaf, jaghlaq, ifixkel jew b'xi mod iehor jostakola t-thaddim ta' The Villa, Le Meridien, Bajja tal-Balluta, il-Balluta, San Giljan kif imhares bil-permessi u licenzji BAR/0393/4 u SB/3055, liema licenzji huma annessi mal-Lukanda Le Meridien u dan kif johrog mill-istess licenzji u permessi."*. L-azzjoni li trid issir wara mandat ta' inibizzjoni hi dik ghall-jedd pretiz. Certament li din m'hijiex it-talba sabiex l-inibizzjoni jigi kkonfermat (ara per ezempju **Connie Galea et vs Joseph Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997, Vol. LXXXI.ii.720).

8. Il-konvenut isostni wkoll li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Il-qorti ma taqbilx. L-attur qieghed jilmenta minn agir tal-pulizija u allura huwa l-konvenut li jrid iwiegeb. Ghalkemm hu minnu li l-licenzji jinhargu mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta u d-Dipartiment tal-Kummerc, madankollu kienet il-pulizija li attirat l-attenzjoni tal-attrici ghall-attivitajiet li jsiru fil-fond The Villa.

9. Il-qorti tikkonkludi:

(a) L-attrici m'ghandix ragun meta fil-paragrafu 5 tar-rikors guramentat qalet li: *"The Villa bhala bar u ristorant hekk kif definit mill-Ligi u hekk skond il-permessi taghha, tista' tospita n-nies f'kull tip ta' riceviment, sia tieg, sia ikla, sia party jew seminar u sia kull avveniment iehor sakemm l-operaturi jservu kemm l-ikel u kemm ix-xorb….."*. Il-licenzji li hemm fil-fond The Villa huma ta' ristorant u bar biss, u dan skond id-definizzjoni li tatihom il-Ligi Sussidjarja 409.15. Jekk hemm bzonn ta' licenzja sabiex

isir tieg, riceviment jew seminar, allura il-licenzji li ghandu l-fond The Villa ma jkoprux tali attivita'.

(b) L-attrici m'ghandix ragun li l-licenzji li ghandha l-lukanda Le Meridien iservu wkoll ghall-attivita' kummercjali li ssir minn gewwa l-fond The Villa. Regolament 23 tal-Kap. 409 jaghmilha cara li fejn stabbiliment hu mmexxi minn operatur differenti minn dik tal-lukanda, bhal f'dan il-kaz, hi mehtiega licenzja separata. Ghaldaqstant l-operatur tal-attivita' kummercjali fil-fond The Villa ma jistax jinqeda bil-licenzji li ghandha l-lukanda Le Meridien.

(c) Hu fatt li f'diversi ristorants xi drabi jigu organizzati ikliet li jkunu *private functions* u r-ristorant ma jkunx accessibbli ghall-pubbliku. Ezempju koppja li tizzewweg torganizza ikla f'ristorant. Strettament attivita' simili ma tidhirx li hi koperta fid-definizzjoni ta' ristorant skond il-Ligi Sussidjarja 409.15, jekk fl-istess hin ir-ristorant ma jkunx miftuh ghall-pubbliku. Madankollu l-problema tidher li tqum meta jibda d-daqq ta' muzika amplifikata. Fil-fatt jirrizulta li l-pulizija kellha diversi ilmenti ta' storbju minn resident li ghandu d-dar biswit il-fond The Villa. Il-fond The Villa m'huwiex licenzjat sabiex fih tindaqq il-muzika amplifikata wara l-11.00 ta' bil-lejl[2]. Il-pulizija ghandha d-dmir li tizgura li l-ligi tigi osservata. Hu evidenti li fil-fond The Villa kienet qeghda tindaqq il-muzika amplifikata meta m'hemmx licenzja[3]. Il-pulizija ghandha dmir tintervjeni, irrispettivament jekk kellix ilment jew le minn residenti li jghixu fil-vicinanzi. Hadd m'ghandu l-jedd li jikser il-ligi u mbaghad jilmenta li l-pulizija qeghda tabbuza ghaliex tiehu l-passi. F'kull kaz ukoll fejn jinghata permess sabiex tindaqq muzika amplifikata, din m'ghandha qatt tkun ta' livell li ddejjaq lir-residenti tal-akkwata li ghandhom kull dritt li jitolbu lill-pulizija sabiex tintervjeni.

(d) Mill-provi li semghet il-qorti m'hijiex konvinta li l-pulizija ordnat lill-attrici sabiex ma taghmilx xi avveniment jew taghlaq il-fond.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1.Tilqa' l-ewwel eccezzjoni u tichad l-ewwel talba.**

**2. Tichad it-tieni u tielet eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.**

**3. Fil-meritu tichad it-tieni talba u tiddikjara li:**

**(i) Diment li l-attivita' kummercjali li ssir fil-fond The Villa hi f'idejn terzi, il-licenzji li ghandha l-lukanda Le Meridien ma jista' jittiehed l-ebda beneficcju minnhom ghall-attivita' li ssir fil-fond The Villa.**

**(ii) Il-fond The Villa huwa licenzjat biss sabiex fih issir l-attivita' kummercjali ta' ristorant u bar.**

---

[2] Fil-paragrafu 10 tar-rikors guramentat l-attrici stess ippremettiet li fil-fond tindaqq il-muzika (fol. 3).
[3] Ara per ezempju affidavit tal-Magistrat Dr Joseph Apap Bologna (fol. 81). Ghalkemm jidher li kienu marru pulizija fil-fond, ir-riceviment xorta baqa' ghaddej (ara deposizzjoni ta' Jeremy Cassar Torregiani,fol. 176).

**(iii) Tichad it-tielet talba in kwantu l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-pulizija waqfet lill-attrici milli taghmel xi attivita' li hi koperta mil-licenzji li hemm fuq il-fond The Villa, mahruga mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta. Tichad ir-raba' u hames talbiet.**

**Salv ghal dak li nghad hawn fuq, spejjez a karigu tal-attrici.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------